GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 22 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Skema PPP - Toroq
5. Il-Ġnien;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 21 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item 3.1, is-Segetarju iċċekjat l-uffiċċju tal-MICT dwar il-WiFi u irrispondew li dan qiegħed biex jintuża mill-uffiċċju tal-Kunsill u mhux minn barra.

Dwar item 6, l-iskrivan part-time beda nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010 u dan miexi tajjeb, qiegħed jidra ix-xogħol.

Dwar it-tenders item 8, is-Segretarju qalet li s-Sindku u hi iltaqgħu ma' Karl De Flavia u Ronald u Christopher Bezzina biex jiddiskutu l-offerti tal- Bulky Refuse.

Karl De Flavia qal li l-Offerta ta' €3600 fis-sena tinkludi l-ġbir tal-materjal kollu. Ronald u Christopher Bezzina qalu li l-offerta ta' €3640 tinkludi l-ġbir kollu kif ukoll l-użu ta' makkinarju li jkun hemm bżonn bħal trakkijiet kbar u żgħar u anke gaffa. Dawn provdew diversi Kunsilli li nistgħu nirreferu għalihom.

Is-Sindku u s-Segretarju tkellmu ma' Wilson Mifsud li tefgħa l-offerta ta' €30,700 għall-knis. Wilson qal li għandu street sweepers u lest li juża' gaffa 4 darbiet fis-sena, jneħħi l-ħaxix f'zoni urbani u jiknes Triq Santu Kristu 4 darbiet fis-sena. Meta jkun hemm xi attivita lest li jipprovdi skips għat-tindif. Qal ukoll li ħadem ma' diversi Kunsilli iżda ma semma' ebda wieħed. Bħala ħaddiema jkun hemm 2.

Ma' Wilson Mifsud, is-Sindku u s-Segretarju tkellmu ukoll fuq l-offerta tat-tender dwar il-provediment ta' l-iskips. Wilson Mifsud offra li jipprovdi u jbattal skips għal €1.30 kull waħda kuljum. Dawn jammontaw għal €14,196 fis-sena.

Is-Segretarju qalet li hi kelmet ukoll lil Ronald u Christopher Bezzina fl-assenza tas-Sindku għax kellu bżonn jitlaq. Is-Sinjuri Bezzina tefgħu offerta ta' €31,450 għall-knis, dawn qalu li l-offerta tagħhom tinkludi l-użu ta' makkinarju kif meħtieġ. Mat-tender inkludew ir-ritratti tal-makkinarju li għandhom. Jiddisponu minn annimali mejta, qtugħ ta' ħaxix f'postijiet urbani. It-Triq ta' Santu Kristu tinkines kemm ikun hemm bżonn, meta l-Kunsill jara l-ħtieġa. Għandhom *street sweepers* kbar u żgħar. Wara il-festi tar-raħal u avvenimenti oħra lesti li jaħslu fejn ikun meħtieg u jużaw skips u għandhom anke trakk ta' l-iscammel. Bħala ħaddiema jkun hemm tlieta dejjem. Dawn provdew ritratti ta' makkinarju li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Dawn provdew ismijiet ta' diversi Kunsilli għal referenzi..

Dwar item 9.6 Il-Kunsill iddeċieda li darba fix-xahar fil-ġurnata tal-Ħadd tkun *Car Free Day* minn Triq Santu Rokku sa Triq Santa Tereża. Għaldaqstant se tintbagħat ittra lil Transport Malta biex inkunu nafu x'hini l-proċedura.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment irċevejna dwar Memo 45/2010 – *Public Private Partnership* fuq Toroq, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jibbenefika minn din l-Iskema.
Irċevejna wkoll l-Applikazzjoni dwar il-korisjiet *Lifelong Learning*, għar-residenti.
Infurmaw ukoll dwar Memo 10/2010 – Skema dwar Enerġija Alternattiva fejn talbuna xi informazzjoni sabiex inkunu eleġibli milli nibbenefikaw minnha, fejn ġiet mibgħuta wkoll lill-Kumpanija *Econing* ħalli jaraw huma x'hinu meħtieġ.
Infurmaw li Memo 78/2010 dwar sejħa għal proposti ta' proġetti taħt l-FEŻR, ġiet estiża għas-6 ta' Awwissu, 2010, minnflok 16 ta' Lulju, 2010.

Irċevejna Memo 95/2010 dwar skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet, 2011.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmaw dwar żieda li kien hemm fil-ħlas ta' l-Enemalta dwar il-mappa tal-lampi tat-toroq fejn il-Kunsill għandu jħallas biss € 232.94 u mhux iżjed kif ġie mitlub li jagħmel.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 1895/10 għal alterazzjonijiet żgħar fi Vjal il-Labour.
Applikazzjoni Nru. PA 2556/10 fi Triq il-Kunċizzjoni għall-kostruzzjoni ta' tmien residenzi bil-garaxxijiet.

4. Mill-MEEF infurmaw dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ 2010/11.

5. Mill-OPM bagħatulna kopja fejn xi residenti għamlu xi rapport dwar razzett li qiegħed fi Triq it-Telleritu, fejn ġie mgħoddi wkoll lill-MEPA u lis-Sanita.

6. Mit-Transport Malta fejn talbu l-kummenti tal-Kunsill sabiex Triq B'buġia isir *one-way*.
Infurmaw ukoll dwar *road thumps* fi Triq M. Dimech.

7. Mingħand Holistic, fejn infurmaw bil-korsijiet ta' l-ECDL.

8. Mingħand il-MEUSAC, fejn għarrfu li ser issir Consultation Session , re:- The Water Catchment Management Plan, dan sar fit-12 ta' Lulju, li għadda.

9. Mingħand is-Sur Gauci Scicluna, fejn talab il-permess sabiex jitwaħħlu xi reklami għal attivita' 'Qormi Bread Festival 2010'. Il-Kusill ma sab ebda oġġezzjoni iżda qal li jkun aħjar jekk il-banner titwaħħal wara l-20 ta' Awwissu 2010 wara l-festa ta' Santa Marija.

10. Mingħand il-MITA fejn infurmaw fuq xi training programme li qed joffru.

11. Mingħand is-Sur Pulis ta' Triq il-Ħannieqa, fejn issuġġerixxa li ssir 'board' fejn fiha jkun hemm imniżżel il-ġranet importanti għal-lokal u affarijiet b'konnessjoni mar-raħal. Il-Kunsill qabel li jsiru 3 *boards*, waħda f'kull daħla għar-raħal ta' Ħal-Għaxaq. Ġie suġġerit li jinstabu *sponsors* għal dawn.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Għaxaq FC dwar il-Presentation Night, fejn ġew mgħarrfa li l-Kunsill ser jippreżenta trophies li b'kollox jiswew € 116.

**4. <u>Skema PPP - Toroq</u>**

Dwar din li Skema, is-Sindku poġġa fuq il-mejda skeda ta' kif ser isiru x-xogħolijiet. (app. A). Is-Sindku qal li fl-ewwel parti inkunu lestejna l-*Housing Estate* kollu. Qal ukoll li taħt din li skema it-toroq ikollhom garanzija ta' 8 snin.

Is-Sindku qal li l-aħjar niktbu lil-Water Services, Go,Melita u l-EneMalta sabiex naraw hemmx bżonn isiru xi xogħolijiet qabel isiru it-toroq. Qal ukoll li fi Triq il-Gardell hemm bżonn isir *water culvert* qabel isir ir-*resurfacing* tat-triq. Il-Kunsill qabel.

**5. <u>Il-Ġnien</u>**

Is-Sindku qal li x-xogħol fil-ġnien miexi sew, il-Perit qal li x-xogħol ġej sew. Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa ta' 6 jardi konkos biex jitkompla ix-xogħol. Il-Kunsill qabel.

**6. <u>Tenders</u>**

***<u>Collection of Bulky Refuse No. GhLC04/10</u>***

Il-Viċi-Sindku qal li meta nfetħu it-tenders, kien hemm 8 offerti. Dawn kienu mingħand:

| | |
|---|---|
| 1. Twanny Barun – | 1) €3000 yearly. 3 items p/household up to 10 calls<br>2) 80 euro cent per item for addiontal services |
| 2. Glen Dalli Hili - Karl De Flavia | 1) €300 monthly - €3600 yearly |
| 3. Wilson Mifsud - | 1) €4.25 per call |
| 4. Ronald & Christopher - Bezzina | 1) €3.50 per call max. 5 items per household |
| 5. Charles Zammit - (o.b.o. Cleansing Services) | 1) €4.72 per household up to 3 items p/household |
| 6. John Micallef - | 1) €3.50 per household up to 4 items |

7. Emanuel Mizzi - 1) €5302.60 *annually* 3 *items p/household not more than* 10

8. Brian Cardona - 1) €4500 *annually* - €375 *per month*

Wara diskussjoni li saret fejn kien hemm żewġ offerti biex jiġu kkunsidrati, dawn kienu ta' Glen Dalli Hili u Karl De Flavia kif ukoll ta' Ronald u Christopher Bezzina, Il-Kunsill ra kemm bejn wieħed u ieħor ikun hemm ġbir fil-ġimgħa li hu ta' 17, fir-rigward tal-prezzijiet il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta ta' Ronald u Christopher Bezzina dik ta' €3.50 *per call*. Il-Kunsill qabel.

***<u>Street Sweeping and Cleaning GhLC06/10</u>***

Il-Viċi Sindku qal li meta nfetħu it-tenders, kien hemm 5 offerti. Dawn kienu mingħand:

1. Charles Żammit - €40,618 *annually on a 6 day basis*

2. Ronald u Christopher Bezzina -€31,450 *annually inc. 18% VAT and 5% Mngmnt fee on a 6 day basis. Cleaning on the two village feasts of St. Maria and St. Joseph,,wash round church after village feasts, collection of carcasses, grass cutting. 3 persons for the job*

3. Wilson Mifsud - €30,700 *annually* inc. 18% VAT, jaħsel il-pjazza wara l-festi tar-raħal. Servizz bil-gaffa ta' 4 darbiet fis-sena, joffri li jiknes bir-road sweeper Triq Santu Kristu 4 darbiet fis-sena. 2 persuni jaħdmu dan ix-xogħol.

4. Glen Dalli Hili - Karl De Flavia €24,000 *annually.*

5. Jason Gatt - €14,250 *annually*

Is-Sindku u s-Segretarju iltaqgħu ma' Wilson Mifsud u dan ikkonferma li għandu street sweepers, lest li juża' gaffa 4 darbiet fis-sena, qtugħ ta' ħaxix f'zoni urbani, jiknes Triq Santu Kristu 4 darbiet fis-sena u għandu 2 ħaddiema għal dan ix-xogħol.

Ronald u Christopher Bezzina ikkonfermaw li għandhom scammel u grass cutter, kif ukoll gaffa u trakk biex jintużaw jekk ikun meħtieg. Għandhom open trakk żgħir ukoll u street sweeper kbira u żgħira ukoll. Triq Santu Kristu jikinsuha kemm ikun hemm bżonn, ineħħu annimali mejtin u jaħslu għall-festi u wara l-festi, u jnaddfu wara xi kunċert li jkun hawn. Għandhom 3 ħaddiema għal dan ix-xogħol u provdew referenzi ta' Kunsilli oħra.

Wara li l-Kunsill iddiskuta dawn it-tenders, il-konklużjoni kienet li l-aħjar offerti kienu ta' Ronald u Christopher Bezzina u l-oħra ta' Wilson Mifsud. Il-Kunsill xtaq

konferma mingħand dawn iż-żewġ kuntratturi b'kemm nies u kemm siegħat se jkunu qed jaħdmu dan ix-xogħol. Is-segretarju se tikteb lill-kuntratturi.

**Skips**

Nirreġistraw li Wilson Mifsud fl-offerta tiegħu tal-ġbir ta' l-iskart inkluda ukoll offerta biex jipprovdi l-iskips għalhekk fit-tender biex joffri servizz tal-iskips barra dak reġistrat Michael Darmanin, trid tittieħed inkonsiderazzjoni anke il-parti fejn offra servizz ta' l-iskips Wilson Mifsud.

Il-Kunsill ikkumenta li bħalissa is-servizz li għandna mingħand Michael Darmanin mhux daqshekk sodifaċenti.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1.Is-Sindku qal li ġie avviċinat li hemm il-ħtieġa ta' bozza limiti Tal-Ġiebja, Birżebbuġia. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-EneMalta.

2. Is-Sur Abdilla qal li jissuġġerixxi li it-timbri tal-firem jintużaw biss mill-persuna ta' min ikun it-timbru għax qed ikun hemm l-inkwiet f'Kunsilli oħra minħabba li dawn it-timbri sar użu ħażin minnhom. Is-Segretarju qalet li ħadet nota ta' dan u l-Kunsill qabel.

3. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jissaqqew il-pjanti li hemm fil-pjazza għax dawn qed imutu bil-għatx. Is-Sindku qal li l-aħjar nordnaw bowser ta' l-ilma biex insaqqu fejn hemm bżonn. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Viċi Sindku qal li dwar il-fuljett li ħareġ il-Kunsill hemm ħafna nies urtati minħabba ir-ritratt li deher fil-faċċata. F'dan ir-ritratt tidher parti mill-Każin ta' San Ġużepp u n-nies deherilhom li din ma kellhiex tidher. Ġie suġġerit li l-Kunsill jara l-prodott finali qabel ma dan jiġi ipprintjat.

5. Is-Sur Abdilla qal li Bir id-Deheb iż-żewġ skips li hemm qed ikunu dejjem mimlijin. Is-Sur Attard qal li waħda mill-iskips hija tal-ħanut tal- Four T's. Is-Sur Abdilla qal li meta l-iskips ikunu mimlijin, in-nies jitfgħu il-boroż ma' l-art. Qal ukoll li hemm bżonn isir xi ħaġa għax ma jistax ikun speċjalment fil-weekend il-ħmieġ li jkun hemm. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju tiċċekkja mal-kuntrattur biex tara hemmx skips neqsin.

6. Is-Sinjura Agius qalet li fil-Housing Estate fejn il-familja Pulis hemm ħafna ħaxix ħazin u hemm ukoll il-briet. Is-Sindku qal li se jiċċekkja.

7. Il-Kunsillier Picco qal li hemm skema dwar attivitajiet li jsiru fir-raħal. Hu qal jixtieq li l-Kunsill jorganizza ġurnata jew weekend fejn jintwerew snajja' Maltin. Is-Sindku qal li nistgħu wkoll napplikaw għall-attivita' tal-Karnival. Il-Kunsill qabel.

## 9. Aġġornament

Is-Sindku fil-5.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ħamis, 19 ta' Awwissu, 2010, fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 19 ta' Awwissu, 2010, fis-2.00pm.**